IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.4.2021
COM(2021) 180 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport rigward ċerti materji amministrattivi u tal-persunal tal-Komunità tat-Trasport

ABBOZZ

TAD-DEĊIŻJONI Nru 2021/

TAL-KUMITAT TA' TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT

ta' …

dwar l-adozzjoni ta' regoli dwar ir-rimborż tal-ispejjeż imġarrba minn persuni barra mis-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport, li huma mistiedna jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Komunità tat-Trasport

IL-KUMITAT TA' TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport, u b'mod partikolari l-Artikolu 35 tiegħu,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Ir-regoli dwar ir-rimborż tal-ispejjeż imġarrba minn persuni barra mis-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport, li huma mistiedna jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Komunità tat-Trasport, huma stabbiliti fl-Anness.

Għall-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali

Il-President

ANNESS

Regoli dwar ir-rimborż tal-ispejjeż imġarrba minn persuni barra mis-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport, li huma mistiedna jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Komunità tat-Trasport

1. Ambitu

1.1. Dawn ir-regoli japplikaw għall-parteċipanti li huma mistiedna għal-laqgħat li ġejjin tal-Komunità tat-Trasport:

(a) il-Kunsill Ministerjali, il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali, il-Kumitati Tekniċi, il-Forum Soċjali;

(b) il-Kumitat tal-Baġit;

(c) it-Task Forces, il-Gruppi ta' Koordinazzjoni u korpi ta' ħidma oħra stabbiliti permezz tad-deċiżjonijiet jew il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ministerjali, il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali;

(d) konferenzi, laqgħat, workshops u fora oħra, organizzati mis-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport relatati mal-programm ta' ħidma tal-Komunità tat-Trasport;

(e) laqgħat ta' natura differenti organizzati fl-ambitu tal-implimentazzjoni tat-Trattat dwar il-Komunità tat-Trasport (dibattiti ta' livell għoli, workshops eċċ.);

(f) proċeduri ta' selezzjoni għal karigi ppubblikati mill-Komunità tat-Trasport (membri tal-bord ta' selezzjoni); jew

(g) proċeduri ta' selezzjoni għal karigi ppubblikati mill-Komunità tat-Trasport (applikanti).

1.2. Fil-prinċipju, rappreżentant wieħed biss għal kull parti benefiċjarja (ministeru, awtorità regolatorja, aġenzija, entità eċċ.) għandu jkun eliġibbli għar-rimborż. Id-Direttur tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport (is-"Segretarjat Permanenti") jista' jingħata deroga minn din ir-regola, permezz ta' deċiżjoni motivata, fil-każ ta' laqgħat konġunti ta' diversi kumitati jew gruppi ta' ħidma.

1.3. Il-kostijiet tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni biss għandhom jiġu rimborżati. Ma' dawn ma għandha titħallas l-ebda gratifika għal kull jum.

2. Kostijiet tal-ivvjaġġar

2.1. Il-parteċipanti kollha mistiedna għandhom ikunu intitolati għar-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar tagħhom mill-post speċifikat fl-istedina tagħhom (l-indirizz tax-xogħol jew tad-dar) sal-post tal-laqgħa, bl-aktar mezz ta' trasport xieraq minħabba d-distanza involuta. B'mod ġenerali, dan għandu jkun ivvjaġġar bil-ferrovija tat-tieni klassi għal vjaġġi ta' inqas minn 400 km (f'direzzjoni waħda, skont id-distanza uffiċjali bil-ferrovija) u vvjaġġar bl-ajru tal-klassi ekonomika għal distanzi ta' 400 km jew aktar.

2.2. Id-Direttur tas-Segretarjat Permanenti għandu jipprova jiżgura li l-laqgħat jiġu organizzati b'mod li jippermetti lill-parteċipanti jibbenefikaw mill-aktar rati tal-ivvjaġġar ekonomiċi.

2.3. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar għandhom jiġu rimborżati biss mal-preżentazzjoni tad-dokumenti ta' sostenn oriġinali.

2.4. Meta t-trasport bl-ajru jew bil-ferrovija ma jkunx disponibbli jew ma jkunx kosteffettiv, l-ivvjaġġar bix-xarabank jew bil-karozza għandu jiġi awtorizzat.

2.5. Il-kost tal-ivvjaġġar b'vettura privata għandu jiġi rimborżat bir-rata ta' EUR 0,22 għal kull km.

2.6. Il-miżati tat-taksi għandhom jiġu rimborżati biss jekk ma jkun hemm l-ebda trasport lokali disponibbli.

2.7. Il-kostijiet tal-ivvjaġġar għandhom jiġu rimborżati sa EUR 700.

3. Akkomodazzjoni

3.1. Il-parteċipanti mistiedna li jkollhom iqattgħu lejl wieħed jew aktar fil-post fejn issir il-laqgħa minħabba li l-ħinijiet tal-laqgħat ikunu inkompatibbli mal-ħinijiet tat-titjiriet jew tal-ferroviji għandhom ikunu intitolati li jiġu rimborżati l-kostijiet tal-akkomodazzjoni, sa EUR 120 għal kull lejl. In-numru ta' ljieli ma jistax jaqbeż in-numru ta' jiem tal-laqgħa + 1.

3.2. Lejl addizzjonali jista' jiġi rimborżat b'mod eċċezzjonali, soġġett għall-approvazzjoni minn qabel tad-Direttur tas-Segretarjat Permanenti, jekk it-titwil tas-soġġorn jippermetti lill-parteċipant mistieden jikseb tnaqqis fil-kost tat-trasport li jkun aktar mill-kost tal-lejl addizzjonali.

3.3. Il-kostijiet tal-akkomodazzjoni biss għandhom jiġu rimborżati. Kwalunkwe nefqa oħra relatata mas-soġġorn fil-lukanda ma għandhiex tiġi rimborżata (internet, telefown, fotokopjar, minibar, kolazzjon mhux inkluż, eċċ.).

4. Xiri ta' biljetti u akkomodazzjoni

4.1. Fil-prinċipju, il-parteċipanti mistiedna kif definiti skont l-Artikolu 1.1(a) sa (e) għandhom jibbukkjaw il-biljetti u l-akkomodazzjoni tagħhom stess. L-ibbukkjar għandu jsir kemm jista' jkun malajr sabiex ikunu jistgħu jinkisbu l-aktar miżati/rati ekonomiċi. Ħlas bil-quddiem tan-nefqa, inkluż l-ibbukkjar tal-ivvjaġġar u/jew tal-akkomodazzjoni mis-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport, għandu jibqa' limitat għal każijiet eċċezzjonali u huwa soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6.

4.2. Għall-parteċipanti kif definiti skont l-Artikolu 1.1(f) u (g), l-arranġamenti tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni għandhom isiru mis-Segretarjat Permanenti.

5. Proċedura ta' Rimborż

5.1. Talba għal rimborż tal-ivvjaġġar għandha tiġi ppreżentata f'format elettroniku lis-Segretarjat Permanenti mhux aktar tard minn 15-il jum kalendarju wara d-data tal-laqgħa inkwistjoni.

5.2. Għandha tintuża l-formola fl-Appendiċi 1. It-talba għandha tkun appoġġata permezz ta' dokumenti bħala evidenza tal-kostijiet imġarrba, jiġifieri l-biljetti (inkluż il-biljetti tat-trasport pubbliku) u l-fatturi jew, fil-każ ta' bbukkjar online, il-kopja stampata tal-prenotazzjoni elettronika u l-karti tal-imbarkazzjoni għall-vjaġġ lejn il-post tal-laqgħa. Id-dokumenti pprovduti jridu juru l-klassi tal-ivvjaġġar użata, il-ħin tal-ivvjaġġar u l-ammont imħallas. Ma għandu jkun hemm l-ebda rimborż meta ma jiġix ipprovdut sett sħiħ ta' fatturi.

5.3. Kwalunkwe korrispondenza relatata rigward il-kwistjonijiet ta' rimborż għandha tintbagħat bil-miktub lil: finance@transport-community.org

5.4. Ir-rimborżi għandhom isiru biss permezz ta' trasferiment bankarju.

5.5. Ir-rimborż għandu jsir bl-euro fil-kont tal-bank indikat tal-istituzzjoni jew tal-organizzazzjoni li tinnomina l-parteċipant fil-laqgħa. Għandha tapplika r-rata tal-kambju li tapplika fid-data tal-laqgħa.

5.6. Ir-rimborż jista' jsir f'kont tal-bank privat tal-parteċipant mistieden biss fuq talba bil-miktub mill-istituzzjoni jew mill-organizzazzjoni li tinnomina l-parteċipant.

5.7. Id-dettalji tal-kont tal-bank li għandhom jiġu sottomessi għandu jkun fihom dan li ġej: isem il-benefiċjarju (detentur tal-kont), l-indirizz tad-detentur tal-kont, l-isem tal-bank, in-numru tal-kont tal-bank (IBAN), il-Kodiċi Swift (BIC).

6. Ħlasijiet bil-quddiem ta' spejjeż tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni

6.1. Id-Direttur tas-Segretarjat Permanenti jista' jiddeċiedi, fuq il-bażi ta' talba sottomessa lilu bil-miktub mill-istituzzjoni jew mill-organizzazzjoni li tinnomina, jekk għandux isir ħlas bil-quddiem tal-kostijiet tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni għall-parteċipanti kif definit skont l-Artikolu 1.1(a) sa (e).

6.2. It-talba għal ħlas bil-quddiem għandha tiġi sottomessa bil-miktub lis-Segretarjat Permanenti, fuq l-indirizz tal-posta elettronika ddedikat finance@transport-community.org, mill-inqas 21 jum kalendarju qabel id-data tal-laqgħa. Għandha tintuża l-formola fl-Appendiċi 2. Is-sottomissjoni tard ta' talba bħal din tista' sservi bħala ġustifikazzjoni għaċ-ċaħda tat-talba.

6.3. Wara l-approvazzjoni ta' talba, u f'konformità mal-abbozz tal-aġenda għal-laqgħa, is-Segretarjat Permanenti għandu jibbukkja l-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni għall-parteċipant inkwistjoni. Is-Segretarjat Permanenti għandu jibgħat lill-parteċipant mistieden permezz ta' posta elettronika l-konfermi tal-ibbukkjar għall-biljett u għall-akkomodazzjoni.

6.4. Meta japplika għall-ħlas bil-quddiem tan-nefqiet tal-ivvjaġġar, il-parteċipant jimpenja ruħu li jieħu sehem fil-laqgħa inkwistjoni.

6.5. Fejn il-parteċipant mistieden ma jkunx fil-pożizzjoni li jipparteċipa fil-laqgħa – għal raġunijiet, li mhumiex direttament attribwibbli għall-Komunità tat-Trasport – l-istituzzjoni jew l-organizzazzjoni li tinnomina għandha tindennizza lis-Segretarjat Permanenti għall-kostijiet imġarrba fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-vjaġġ (eż. il-kostijiet ta' biljetti rreġistrati inklużi t-tariffi ta' kanċellazzjoni, eċċ.).

7. Dispożizzjonijiet amministrattivi u finali

7.1. Id-Direttur tas-Segretarjat Permanenti għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni xierqa ta' dawn ir-Regoli.

7.2. Is-Segretarjat Permanenti għandu jżomm, għal perjodu ta' ħames snin, ir-rekords, id-dokumenti u l-evidenza relatati mar-rimborż, inklużi dokumenti relatati ma' trattament eċċezzjonali.

7.3. Dawn ir-Regoli għandhom jiġu ppubblikati permezz tas-sit web tal-Komunità tat-Trasport mal-adozzjoni tagħhom.

APPENDIĊI 1 – TALBA GĦAL RIMBORŻ TAL-IVVJAĠĠAR

1. DETTALJI TAL-LAQGĦA Deskrizzjoni tal-laqgħa:		Post:
Data:	Nru ta' jiem:	
2. PARTEĊIPANT		
KUNJOM:		ISEM:
ISTITUZZJONI/ORGANIZZAZZJONI:		TITLU:
PAJJIŻ:		
INDIRIZZ TAL-POSTA ELETTRONIKA:		TEL:
3. DETTALJI TAL-BANK — jekk jogħġbok ipprovdi l-IBAN sħiħ u l-kodiċi SWIFTIBIC		
ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TAL-KONT (ISTITUZZJONI): *(jekk jogħġbok indika l-isem tas-sid/benefiċjarju tal-kont tal-bank hawnhekk)*		
ISEM TAL-BANK		
Numru tal-Kont		
Kodiċi SWIFT (BIC)		
IBAN		
4. AKKOMODAZZJONI	Minn:	Sa:
DATI TAS-SOĠĠORN		
Numru totali ta' ljieli fil-lukandi (b'rata massima ta' EUR 120 kull lejl)		
Jekk jogħġbok ehmeż kopja tal-fattura tar-riċevuta tal-lukanda		

5. SPEJJEŻ TAL-IVVJAĠĠAR

Ajruplan, ferrovija, xarabank fuq distanza twila, trasport lokali, eċċ.	**MINN**	**SA**	**KLASSI**	**AMMONT**	**MUNITA**
Itinerarju					

Kompli fuq folja separata jekk ikun meħtieġ. Jekk jogħġbok ehmeż kopja tar-riċevuti/fatturi disponibbli, inklużi l-karti tal-imbarkazzjoni għal titjiriet/biljetti tal-ferrovija/tax-xarabank

KAROZZA	Minn:	Sa:	Sa: (Ritorn)
Prova tad-distanza meħmuża (Kopja tar-rotta minn Google Maps jew ViaMichelin.com jew Rome2Rio.com, għandha tiġi sottomessa fil-format PDF jew JPG)			KM fiż-żewġ dire Total f'EUR:
TAKSI (jekk it-trasport	Ammont	Munita	F'EUR

pubbliku lokali ma kienx disponibbli) – riċevuti meħtieġa; ġustifikazzjoni addizzjonali meħtieġa				
AMMONT TOTALI MITLUB f'EURO: **Kummenti Oħra:**				
Niċċertifika li din it-talba tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar hija dikjarazzjoni vera tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar imġarrba minni. Jiena ma ġejtx u mhu se niġi rimborżat għal dawn l-ispejjeż minn xi sors ieħor u lanqas ma inkludejt xi spiża mħallsa jew li għandha titħallas direttament minn sors ieħor. Data: FIRMA TAL-PARTEĊIPANT:				

APPENDIĊI 2 – APPLIKAZZJONI GĦAL ĦLAS BIL-QUDDIEM TAN-NEFQIET TAL-IVVJAĠĠAR

1. Dettalji tal-Vjaġġatur - jekk jogħġbok imla l-partijiet KOLLHA mmarkati b'{*}		
Kunjom*:		
Isem*:		
Isem tal-organizzazzjoni/istituzzjoni*:		
Funzjoni:		
Numru tal-Passaport* (meħtieġ għal finijiet ta' bbukkjar):		
Nru tat-Telefon ta' Kuntatt:		
Indirizz tal-posta elettronika:		
Titlu u Post tal-Laqgħa		
Dati tal-Laqgħa:	Minn:	Sa:
Rotta tal-Ivvjaġġar:	Tluq minn:	Wasla sa:

2. Talba għall-Ibbukkjar – jekk jogħġbok immarka l-kaxxa rilevanti

IVVJAĠĠAR ☐ AKKOMODAZZJONI☐

NOTI IMPORTANTI GĦALL-PARTEĊIPANTI:

- Din il-formola sservi bħala bażi għall-arranġamenti tal-ivvjaġġar li jsiru mis-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport f'isem il-vjaġġatur. Għandha tiġi approvata minn qabel mis-superjur dirett tal-vjaġġatur u tintbagħat f'forma skennjata lill-kaxxa postali tas-Segretarjat Permanenti: finance@transport-community.org
- Il-vjaġġatur huwa unikament responsabbli għall-korrettezza tad-dettalji sottomessi u għandu responsabbiltà sħiħa għal *data* mhux kompluta jew żbaljata li tista' tirriżulta f'kanċellazzjoni, impossibbiltà li wieħed jivvjaġġa, bidla fid-dettalji tal-ibbukkjar u/jew ħlasijiet addizzjonali relatati.
- Il-kostijiet żejda kollha (l-użu ta' minibar fil-lukanda, it-tariffi għall-parkeġġ, l-iljieli addizzjonali eċċ.) ma għandhomx jiġu rimborżati.
- Il-vjaġġatur huwa obbligat li jżomm il-karti/biljetti tal-imbarkazzjoni bħala prova tal-ivvjaġġar u mar-ritorn tiegħu għandu jibgħat il-kopji skennjati fl-indirizz tal-posta elettronika speċifikat hawn fuq.
- Is-Segretarjat Permanenti għandu jagħmel arranġamenti tal-ivvjaġġar fl-offerti disponibbli tal-ivvjaġġar u tal-akkomodazzjoni fis-suq li jaqblu mal-limiti u r-rati tar-Regoli ta' Rimborż.
- Is-sottoskritt, jikkonferma li huwa/hija konxju/konxja tal-klawżola ta' rifużjoni stabbilita fir-Regoli ta' Rimborż tal-Komunità tat-Trasport applikabbli, fl-Artikolu tiegħu. 6.5: Fejn il-parteċipant mistieden ma jkunx fil-pożizzjoni li jipparteċipa fil-laqgħa – għal raġunijiet, li mhumiex direttament attribwibbli għall-Komunità tat-Trasport – l-istituzzjoni jew l-organizzazzjoni li tinnomina għandha tindennizza lis-Segretarjat Permanenti għall-kostijiet imġarrba fir-rigward tal-organizzazzjoni tal-vjaġġ (eż. il-kostijiet ta' biljetti rreġistrati inklużi t-tariffi ta' kanċellazzjoni, eċċ.).

Firma ta' min jagħmel it-talba: _____	**Kap tal-istituzzjoni/organizzazzjoni li tinnomina:** _____ Data: _____

Data: _____	

3. GĦALL-UŻU INTERN TAS-SEGRETARJAT PERMANENTI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT

Kostijiet Stmati (f'EUR)		**Disponibbiltà tal-Baġit**
Biljett tat-Titjira / Biljett tal-Ferrovija/ Karozza		IVA ☐ LE ☐
Akkomodazzjoni		Uffiċjal Finanzjarju u tal-Kontabbiltà:
Stima tal-kost TOTALI:		**APPROVAZZJONI TAD-DIRETTUR:**
Nru tal-Impenn Baġitarju:		☐ Approvata ☐ Mhux Approvata

ABBOZZ

TAD-DEĊIŻJONI Nru 2021/

TAL-KUMITAT TA' TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT

ta' …

dwar l-adozzjoni ta' regoli dwar ir-rimborż tal-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport għall-kostijiet tal-ivvjaġġar u tar-rilokazzjoni mal-bidu tal-kariga u mat-terminazzjoni tas-servizz

IL-KUMITAT TA' TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport u, b'mod partikolari l-Artikoli 30 u 35 tiegħu,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Ir-regoli dwar ir-rimborż tal-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport għall-kostijiet tal-ivvjaġġar u tar-rilokazzjoni mal-bidu tal-kariga u mat-terminazzjoni tas-servizz huma stabbiliti fl-Anness.

Għall-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali

Il-President

Anness

Regoli dwar ir-rimborż tal-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport għall-kostijiet tal-ivvjaġġar u tar-rilokazzjoni mal-bidu tal-kariga u mat-terminazzjoni tas-servizz

1. Ambitu

1.1. Dawn ir-regoli japplikaw għal:

(a) ir-rimborż tal-kostijiet tal-ivvjaġġar tal-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport soġġett għar-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunità tat-Trasport (il-"persunal"), il-konjuġi tagħhom, u t-tfal dipendenti li għandhom bejn sentejn u 18-il sena, li realment jgħixu fl-unitajiet domestiċi tagħhom, mal-bidu tal-kariga u mat-terminazzjoni tas-servizz;

(b) ir-rimborż tal-kostijiet tat-tneħħija u tal-ħżin tal-persunal, mal-bidu tal-kariga u mat-terminazzjoni tas-servizz;

(c) il-ħlas ta' allowance għall-installazzjoni lill-persunal mal-bidu tal-kariga.

2. Spejjeż tal-ivvjaġġar

2.1. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar għandhom jiġu rimborżati:

(a) mal-bidu tal-kariga: mill-post tar-reklutaġġ sal-post tal-impjieg;

(b) mat-terminazzjoni tas-servizz, mill-post tal-impjieg sal-post tal-oriġini, diment li din tinvolvi bidla fir-residenza ewlenija u titwettaq fi żmien tliet snin mid-data tat-terminazzjoni.

2.2. B'mod ġenerali, il-mezz tat-trasport għandu jkun l-ivvjaġġar bil-ferrovija tat-tieni klassi għal vjaġġi ta' inqas minn 400 km (f'direzzjoni waħda, skont id-distanza uffiċjali bil-ferrovija) u l-ivvjaġġar bl-ajru tal-klassi ekonomika għal distanzi ta' 400 km jew aktar.

2.3. Il-kostijiet tal-piż żejjed tal-bagalji jistgħu jiġu rimborżati sa 10 kg għal kull vjaġġatur eliġibbli.

2.4. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar għandhom jiġu rimborżati biss meta jiġu ppreżentati d-dokumenti ta' sostenn oriġinali.

2.5. Meta t-trasport bl-ajru jew bil-ferrovija ma jkunx disponibbli jew ma jkunx kosteffettiv, l-ivvjaġġar bix-xarabank jew bil-karozza għandu jiġi awtorizzat.

2.6. Il-kost tal-ivvjaġġar b'vettura privata għandu jiġi rimborżat bir-rata ta' EUR 0,22 għal kull km.

2.7. Il-miżati tat-taksis ma għandhomx jiġu rimborżati.

3. Spejjeż tal-Ġarr

3.1. L-ispejjeż imġarrba fir-rigward tal-ġarr ta' għamara u ta' effetti personali inkluż il-kost tal-assigurazzjoni kontra riskji ordinarji (b'mod partikolari ksur, serq, nirien eċċ.) għandhom jiġu rimborżati, soġġett għall-awtorizzazzjoni minn qabel tad-Direttur tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport:

(a) mal-bidu tal-kariga, mhux aktar minn sena wara t-tmiem tal-perjodu ta' prova: għall-ġarr mill-post ta' residenza abitwali għall-post tal-impjieg.

Il-kostijiet għal ġarr li jkun sar qabel id-dħul fis-servizz ta' membru tal-persunal ma għandhomx jiġu rimborżati;

(b) mat-terminazzjoni tas-servizz, għall-ġarr mill-post tax-xogħol għall-post tal-oriġini, jew għal post li jkun fl-istess distanza jew f'distanza iqsar.

3.2. Il-kostijiet li għandhom jiġu rimborżati għandhom ikunu allowance għall-ġarr f'somma sħiħa jew l-ispejjeż realment imġarrba.

3.3. Il-kostijiet realment imġarrba, inkluż il-kost tal-ħżin għal massimu ta' 60 jum u l-assigurazzjoni kontra riskji ordinarji, għandhom jiġu rimborżati fil-limiti li ġejjin:

(a) 8 000 kg jew 40 m^3 għal membri eliġibbli tal-persunal akkumpanjati fil-post tax-xogħol jew li jingħaqdu magħhom hemm minn tal-inqas membru wieħed tal-familja tiegħu/tagħha li jivvjaġġa bl-ispejjeż imġarrba mis-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport;

(b) 4 000 kg jew 30 m^3 għal membri eliġibbli tal-persunal li ma jkunu akkumpanjati minn ebda membru tal-familja tiegħu/tagħha li jkun qed jivvjaġġa bl-ispejjeż imġarrba mis-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport;

(c) il-limitu massimu għar-rimborż tal-kostijiet għall-ġarr realment imġarrba għandu jkun ta' EUR 6 000.

3.4. It-trasport għandu jkun bl-art jew bil-baħar jew bl-aktar mezz ekonomiku kif stabbilit mid-Direttur tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport, filwaqt li jitqiesu l-kostijiet relatati mal-ippakkjar, it-tqegħid fi krejts, it-tqegħid f'carts, it-tneħħija mill-imballaġġ, it-tneħħija minn krejts u d-dazji doganali, jekk ikun hemm.

3.5. Il-persunal għandu jkun meħtieġ jissottometti għall-approvazzjoni lis-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport offerti minn tal-inqas tliet kumpaniji tal-ġarr.

3.6. Allowance għall-ġarr f'somma sħiħa għandha tkun ta' 30 fil-mija tas-salarju bażiku tal-membru tal-persunal, b'limitu massimu ta' EUR 1 500.

4. Allowance għall-installazzjoni

4.1. Il-persunal li ma jkunx akkumpanjat minn xi membru tal-familja tiegħu/tagħha, u li jivvjaġġa bl-ispejjeż imġarrba mis-Segretarjat Permanenti, għandu jkun intitolat għal allowance għall-installazzjoni mal-ħatra li tkun daqs l-ammont ta' salarju ta' xahar wieħed.

4.2. Persunal akkumpanjat sal-post tax-xogħol jew li jingħaqad miegħu minn tal-inqas membru wieħed tal-familja tiegħu/tagħha, u li jivvjaġġa bl-ispejjeż imġarrba mis-Segretarjat Permanenti, għandu jkun intitolat għal allowance għall-installazzjoni mal-ħatra ugwali għall-ammont ta' żewġ salarji ta' xahar imħallsa simultanjament mis-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport.

5. Dispożizzjonijiet amministrattivi u finali

5.1. Il-membri tal-persunal għandhom jinfurmaw lis-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport jekk l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-ġarr tagħhom u, fejn applikabbli, dawk tal-membri tal-familja tagħhom, humiex parzjalment jew totalment koperti minn parti terza (eż. awtoritajiet governattivi, entità li tistieden, impjegatur tal-konjuġi, impjegatur ieħor, eċċ.), f'liema każ is-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport għandu jirrimborża jew ikopri biss il-porzjon tal-ispejjeż li mhuwiex kopert mill-parti terza.

5.2. Id-Direttur tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni kif suppost ta' dawn ir-regoli.

5.3. Is-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport għandu jżomm ir-rekords, id-dokumenti u l-evidenza relatati mar-rimborż tal-ispejjeż tal-ġarr u tal-ivvjaġġar u l-ħlas ta' allowance għall-installazzjoni għal perjodu ta' ħames snin.

5.4. Dawn ir-regoli għandhom japplikaw mill-jum ta' wara dak tal-adozzjoni tagħhom mill-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali.

5.5. Il-persunal li jkun beda jaħdem qabel l-adozzjoni ta' dawn ir-regoli, għandu jkun intitolat għar-rimborż tal-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-ġarr u għall-ħlas ta' allowance għall-installazzjoni f'konformità ma' dawn ir-regoli, mal-preżentazzjoni tad-dokumentazzjoni ta' sostenn dwar il-kost reali mġarrab u sal-limiti massimi definiti.

5.6. Skont l-iżviluppi fil-prezzijiet, id-Direttur tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport jista' jipproponi lill-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali jirrieżamina r-regoli attwali.

5.7. Ir-regoli attwali għandhom jiġu ppubblikati permezz tas-sit web tal-Komunità tat-Trasport mal-adozzjoni tagħhom.

ABBOZZ

TAD-DEĊIŻJONI Nru 2021/

TAL-KUMITAT TA' TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT

ta' …

dwar l-adozzjoni ta' regoli dwar il-kontribuzzjoni tal-Komunità tat-Trasport għall-assigurazzjoni tas-saħħa, kontra l-qgħad, tal-pensjoni u tad-diżabbiltà għall-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport

IL-KUMITAT TA' TMEXXIJA REĠJONALI TAL-KOMUNITÀ TAT-TRASPORT,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport u, b'mod partikolari l-Artikoli 30 u 35 tiegħu,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

Ir-regoli dwar il-kontribuzzjoni tal-Komunità tat-Trasport għall-assigurazzjoni tas-saħħa, kontra l-qgħad, tal-pensjoni u tad-diżabbiltà għall-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport huma stabbiliti fl-Anness.

Għall-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali

Il-President

Anness

Regoli dwar il-kontribuzzjoni tal-Komunità tat-Trasport għall-assigurazzjoni tas-saħħa, kontra l-qgħad, tal-pensjoni u tad-diżabbiltà għall-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport

1. Ambitu

1.1. Dawn ir-regoli japplikaw għall-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport li huwa soġġett għar-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunità tat-Trasport (il-"persunal").

1.2. F'konformità mal-Artikolu 12(b) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Komunità tat-Trasport, dawn ir-regoli jistabbilixxu l-kontribuzzjoni tal-Komunità tat-Trasport għall-assigurazzjoni tas-saħħa, kontra l-qgħad, tal-pensjoni u tad-diżabbiltà għall-persunal.

2. Assigurazzjoni tas-saħħa

2.1. Il-persunal huwa responsabbli għall-organizzazzjoni ta' skema xierqa ta' assigurazzjoni tas-saħħa mill-ewwel jum tal-ħatra. Il-persunal għandu jinforma lill-Komunità tat-Trasport bil-miktub dwar l-iskema ta' assigurazzjoni tas-saħħa tiegħu fi żmien xahar mid-data tal-ħatra tiegħu.

2.2. Il-kontribuzzjoni tal-Komunità tat-Trasport għall-assigurazzjoni tas-saħħa tal-persunal għandha tkun ta' 7,8 %, ikkalkulata fuq is-salarju bażiku medju mħallas mis-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport matul ix-xahar preċedenti.

3. Assigurazzjoni tal-pensjoni

3.1. Il-persunal huwa responsabbli għall-organizzazzjoni ta' skema xierqa ta' assigurazzjoni tal-pensjoni għalih innifsu mill-ewwel jum tal-ħatra. Il-persunal għandu jinforma lill-Komunità tat-Trasport bil-miktub dwar l-iskema ta' assigurazzjoni tal-pensjoni tiegħu fi żmien xahar mid-data tal-ħatra tiegħu.

3.2. Il-kontribuzzjoni tal-Komunità tat-Trasport għall-assigurazzjoni tal-pensjoni ta' membru tal-persunal għandha tkun 5 % tas-salarju bażiku ta' dak il-membru tal-persunal.

4. Assigurazzjoni tad-diżabbiltà u tal-ħajja

4.1. Is-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport għandu jassigura lill-persunal f'każ ta' korriment, aċċident, mard okkupazzjonali, mewt jew diżabbiltà attribwibbli għat-twettiq ta' dmirijiet uffiċjali.

5. Assigurazzjoni kontra l-qgħad

5.1. Il-persunal huwa responsabbli għall-arranġamenti ta' assigurazzjoni kontra l-qgħad xierqa bl-ispejjeż imġarrba minnu.

6. Dispożizzjonijiet finali

6.1. Id-Direttur tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni kif suppost ta' dawn ir-regoli.

6.2. Dawn ir-regoli għandhom japplikaw minn [*l-ewwel jum tax-xahar kalendarju wara l-adozzjoni tagħhom*].

6.3. Skont l-iżviluppi fil-prezzijiet, id-Direttur tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport jista' jipproponi lill-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali jirrieżamina r-regoli attwali.

6.4. Ir-regoli attwali għandhom jiġu ppubblikati permezz tas-sit web tal-Komunità tat-Trasport mal-adozzjoni tagħhom.